31999R0174



# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 174/1999

## tas-26 ta' Jannar 1999

## li jistabbilixxi regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 dwar liċenzji ta' esportazzjoni u rifużjonijiet ta' esportazzjoni fil-każ ta' ħalib u prodotti tal-ħalib

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib [1], skond l-aħħar emenda permezz tar-Regolament (KE) Nru 1587/96 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 13(3), 16a(1) u 17(9) u (14) tiegħu,

(1) Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1466/95 tas-27 ta' Ġunju 1995 li jistabbilixxi regoli dettaljati speċjali għal rifużjonijiet ta' esportazzjoni ta' ħalib u prodotti tal-ħalib [3], skond l-aħħar emenda permezz ta' Regolament (KE) Nru 2184/98 [4], ġie sostanzjalment emendat diversi drabi; billi, peress li aktar emendi għandhom isiru, dan għandu jiġi rivedut fl-interessi taċ-ċarezza u l-effiċjenza.

(2) Billi taħt il-Ftehim dwar l-Agrikultura konkluż matul il-*Uruguay Round* tan-negozjati kummerċjali tal-GATT [5] (hawn aktar 'il quddiem, magħruf bħala l-"Ftehim dwar Agrikultura"), rifużjonijiet ta' esportazzjoni dwar prodotti agrikoli, inklużi prodotti tal-ħalib, huma limitati ġewwa perjodu ta' 12-il xahar il-wieħed li jibdew mill-1 ta' Lulju 1995 sa kwantità massima u valur massimu; billi, sabiex tiġi assigurata konformità ma' dawk il-limiti, il-ħruġ ta' liċenzji ta' esportazzjoni għandu jkun sorveljat; billi proċeduri għandhom ukoll jiġu adottati biex jiġu allokati l-kwantitajiet li jistgħu jiġu esportati permezz ta' rifużjoni.

(3) Billi r-Regolament (KEE) Nru 804/68 jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' rifużjonijiet ta' esportazzjoni fis-settur tal-ħalib u prodotti tal-ħalib, sabiex, b'mod partikolari, ikun permess is-sorveljar tal-valur u limiti kwantitattivi għal rifużjonijiet; billi għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dawk l-arranġamenti.

(4) Billi, bħala deroga mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3665/87 tas-27 ta' Novembru 1987 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet ta' esportazzjoni għal prodotti agrikoli [6], skond l-aħħar emenda permezz tar-Regolament (KE) Nru 2334/98 [7], każijiet fejn rifużjoni tista' tingħata mingħajr il-preżentazzjoni ta' liċenzja ta' esportazzjoni għandhom ikunu mfissra u l-ħin massimu li prodotti jistgħu jibqgħu taħt il-kontroll tad-dwana għandhom ikunu speċifikati.

(5) Billi dispożizzjonijiet speċjali għandhom ikunu adottati għas-settur tal-ħalib u prodotti tal-ħalib, b'mod partikolari għar-rigward ta' liċenzji, b'forma ta' deroga mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 tas-16 ta' Novembru 1988 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni u esportazzjoni u *advance fixing certificates* għal prodotti agrikoli [8], skond l-aħħar emenda permezz tar-Regolament (KE) Nru 1044/98 [9]; billi, b'żieda ma' dan, it-tolleranza permessa minn dak ir-Regolament għar-rigward ta' kwantità ta' oġġetti esportati pparagunata mal-kwantità indikata fil-liċenzja għandha tiġi mnaqqsa u, sabiex jiġu assigurati kontrolli effettivi fuq il-limiti, m'għandhomx jitħallsu rifużjonijiet fuq kwantitajiet li jaqbżu dak li hu indikat fil-liċenzja; billi l-garanziji li għandhom jingħataw meta jsiru applikazzjonijiet għandhom ikunu suffiċjenti biex ma jħallux applikazzjonijiet spekulattivi.

(6) Billi l-perijodu ta' validità ta' liċenzji ta' esportazzjoni għandu jkun iffissat; billi dak il-perijodu għandu jvarja skond il-prodotti partikolari, b'perijodu iqsar għal prodotti li dwarhom ikun hemm riskju akbar ta' spekulazzjoni.

(7) Billi, sabiex jiġi assigurat l-iċċekkjar preċiż ta' prodotti esportati u sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' spekulazzjoni, għandha tkun ristretta l-possibbiltà li jinbidel prodott li jkun inħariġlu liċenzja.

(8) Billi l-Artikolu 2a(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87 jistabbilixxi regoli għall-użu ta' liċenzji ta' esportazzjoni permezz ta' *advance fixing* tar-rifużjoni għall-esportazzjoni ta' prodotti b'kodiċi bi 12-il ċifra minbarra dak muri fl-Artikolu 16 tal-liċenzja; billi din id-disposizzjoni ssir applikabbli f'settur speċifiku biss jekk kategoriji ta' prodotti kif imsemmija fl-Artikolu 13a tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 u gruppi ta' prodott kif imsemmija fil-punt (b) ta' l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 2a(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87 ikunu ġew imfissra.

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
[2] ĠU L 206, tas-16.8.1996, p. 21.
[3] ĠU L 144, tat-28.6.1995, p. 22.
[4] ĠU L 275, ta'l-10.10.1998, p. 21.
[5] ĠU L 336, tat-23.12.1994, p. 1.
[6] ĠU L 351, ta'l-14.12.1987, p. 1.
[7] ĠU L 291, tat-30.10.1998, p. 15.
[8] ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1.
[9] ĠU L 149, ta'l-20.5.1998, p. 11.

(9) Billi għas-settur tal-ħalib u prodotti tal-ħalib, kategoriji ta' prodott huma diġà mfissra b'riferenza għall-kategoriji li jinsabu fil-Ftehim dwar l-Agrikultura; billi fl-interess ta' tmexxija għaqlija dan l-użu ta' kategoriji għandu jinżamm u l-Artikolu 2a(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87 ikun applikat biss fuq il-bażi ta' gruppi ta' prodott imfissra.

(10) Billi fis-settur tal-ħalib rati ta' rifużjoni huma differenzjati bil-bosta, l-aktar skond il-kontenut ta' xaħam; billi, sabiex dan l-arranġament ma jkunx iddubitat filwaqt li fl-istess ħin jiġi rrispettat l-objettiv ta' proporzjonalità ta' l-Artikolu 2a(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87, il-gruppi tal-prodott għandhom jiġu definiti b'mod ristrett u għal ċerti prodotti l-validità ta' liċenzji ta' esportazzjoni għandha testendi għal prodotti li għar-rigward ta' kontenut ta' xaħam huma minnufih biswit fil-kodiċi NM tal-prodott li dwaru rifużjoni tkun ġiet iffissata bil-quddiem.

(11) Billi, sabiex jiġi ffaċilitat li kummerċjanti jipparteċipaw f'sejħiet għal offerti miftuħa minn pajjiżi mhux membri mingħajr ma jiġu affettwati r-restrizzjonijiet għar-rigward ta' volum, sistema ta' liċenzji proviżorji għandha tiġi introdotta fejn tagħti l-jedd lill-offerenti magħżulha għal-liċenzja shiħa.

(12) Billi, sabiex jiġi assigurat sorveljar effettiv ta' liċenzji maħruġa, li jiddependi min-notifika ta' informazzjoni lill-Kummissjoni mill-Istati Membri, għandu jingħata perijodu ta' stennija qabel ma jinħarġu liċenzji; billi, sabiex tiġi assigurata operazzjoni mingħajr xkiel ta' l-arranġamenti u, b'mod partikolari, allokazzjoni ugwali tal-kwantitajiet disponibbli fil-limiti stabbiliti bil-Ftehim dwar l-Agrikultura, diversi miżuri ta' tmexxija għandhom jiġu stabbiliti u, b'mod partikolari, għandha ssir disposizzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji li jiġu sospiżi u għal koeffiċjenti ta' riduzzjoni li jiġi applikat għall-kwantitajiet li għalihom issir applikazzjoni.

(13) Billi r-rata ta' rifużjoni għandha tiġi stabbilita għal prodotti eliġibbli għal rifużjonijiet ta' esportazzjoni fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' għajnuna għall-ikel.

(14) Billi, sabiex jiġi assigurat li liċenzji huma użati korrettament, għal ċerti esportazzjonijiet li dwarhom ikun hemm rifużjoni, il-pajjiż destinatarju għandu jkun deskritt bħala destinazzjoni tassattiva kif imsemmi fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87.

(15) Billi l-esperjenza uriet li n-numru ta' applikazzjonijiet għal liċenzji ta' esportazzjoni għal ġobon partikolari jvarja skond id-destinazzjoni; billi, sabiex miżuri speċjali jkunu jistgħu jiġu applikati skond id-destinazzjoni indikata fuq applikazzjonijiet għal liċenzja, żoni ta' destinazzjoni għandhom ikunu stabbiliti u ż-żona ta' destinazzjoni indikata fuq liċenzji ta' esportazzjoni tkun tassattiva għal prodotti koperti bil-kodiċi NM 0406.

(16) Billi l-metodu biex tiġi stabbilita r-rifużjoni dwar prodotti tal-ħalib li jkollhom zokkor miżjud, li l-prezz tagħhom hu stabbilit mill-prezz ta' l-ingredjenti, għandu jkun stabbilit skond il-perċentwali ta' l-ingredjenti li jkunu jinsabu fihom; billi, iżda, sabiex tkun iffaċilitata l-amministrazzjoni ta' rifużjonijiet għal dawn il-prodotti, u b'mod partikolari miżuri li jassiguraw konformità ma' l-impenji dwar esportazzjonijiet fil-kuntest tal-Ftehim dwar l-Agrikultura, għandha tiġi stabbilita kwantità massima għal sukroži inkorporata li dwarha tista' tingħata rifużjoni; billi 43 % tal-piż tal-prodott kollu hu rappreżentattiv tal-kontenut tas-sukroži ta' dawk il-prodotti.

(17) Billi l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87 jipprovdi li rifużjonijiet jistgħu jingħataw għal ingredjenti li joriġinaw mill-Komunità f'ġobon ipproċessat magħmul taħt l-arranġamenti dwar ipproċessar 'il ġewwa; billi ċerti regoli speċjali huma meħtieġa biex jassiguraw li din il-miżura speċifika taħdem kif suppost u tkun tista' tiġi vverifikata b'mod effettiv.

(18) Billi, skond il-Ftehim konkluż bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada approvat permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill 95/591/KE [1] liċenzji ta' esportazzjoni maħruġa mill-Komunità Ewropea għandhom ikunu ppreżentati għal ġobon li jikkwalifika għal kondizzjonijiet preferenzjali ma' l-importazzjoni ġewwa l-Kanada; billi għandhom jiġu stabbiliti r-regoli dettaljati għal ħruġ ta' dawk il-liċenzji; billi, biex jiġi assigurat li l-kwantitajiet ta' ġobon impurtat ġewwa l-Kanada skond il-kwota ta' importazzjoni jikkorrispondu mal-kwantitajiet li dwarhom ikunu nħarġu liċenzji, il-liċenzji li jkunu ttimbrati kif suppost mill-awtoritajiet Kanadiżi għandhom jingħataw lura lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, bid-data dwar esportazzjonijiet għandha tingħata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

(19) Billi, fil-qafas tal-konsultazzjonijiet ma' l-Isvizzera dwar l-implimentazzjoni tar-riżultati ta' l-*Uruguay Round*, ġie miftiehem li jiġu applikati sett ta' miżuri li jipprovdu b'mod partikolari għal tnaqqis fid-dazji tad-dwana dwar ċerti ġobniet mill-Komunità impurtati ġewwa l-Isvizzera; billi l-oriġini ta' dawk il-prodotti mill-Komunità għandha tkun garantita; billi, għal dak l-iskop, liċenzji ta' esportazzjoni għandhom ikunu tassattivi għal ġobniet kollha esportati taħt dawn l-arranġamenti, inkluż ġobon li dwaru rifużjonijiet dwar esportazzjonijiet mhumiex pagabbli; billi liċenzji għandhom jinħarġu suġġetti għal preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni mill-esportatur li jiċċertifika l-oriġini mill-Komunità tal-prodott.

[1] ĠU L 334, tat-30.12.1995, p. 25.

(20) Billi l-Komunità għandha l-għażla li tindika liema importaturi jistgħu jimpurtaw ġobon tal-Komunità ġewwa l-Istati Uniti taħt il-kwoti addizzjonali li jinsabu fil-Ftehim dwar l-Agrikultura; billi dan jippermetti lill-Komunità li timmassimizza l-valur tal-kwota; billi għandha għalhekk tiġi stabbilita proċedura biex jintgħażlu importaturi fuq il-bażi ta' l-allokazzjoni ta' liċenzji ta' esportazzjoni għall-prodotti partikolari.

(21) Billi l-miżuri li jinsabu f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija dwar Ħalib u Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

## Tmexxija ġenerali dwar rifużjonijiet ta' esportazzjoni

*Artikolu 1*

1. Esportazzjonijiet mill-Komunità ta' prodotti elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68 li dwarhom rifużjoni ta' esportazzjoni hi mitluba għandha tkun suġġetta għat-turija ta' liċenzja ta' esportazzjoni, minbarra fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 2. Ir-rifużjoni li għandha titħallas għandha tkun ir-rata valida fil-ġurnata li tkun saret l-applikazzjoni għal-liċenzja ta' esportazzjoni jew, meta jkun il-każ, il-liċenzja proviżorja.

2. Taqsima 7 ta' applikazzjonijiet għal liċenzja u liċenzji għandha turi n-numru tal-kodiċi tal-pajjiż destinatarju kif imsemmi fl-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2317/97 ([1]).

3. Applikazzjonijiet għal liċenza li, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 15 ta' Regolament (KEE) Nru 3719/88, saru fil-ġurnata tal-Ħamis, għandhom jitqiesu li jkunu saru fil-ġurnata tax-xogħol ta' wara.

*Artikolu 2*

Rifużjonijiet għandhom jingħataw mat-turija ta' liċenzja ta' esportazzjoni.

Bħala deroga mill-Artikolu 2a tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87, iżda, m'għandha tkun meħtieġa l-ebda liċenzja:

(a) meta r-rifużjoni għal dikjarazzjoni dwar esportazzjoni, ikkalkulata fuq il-bażi tar-rifużjoni applikabbli fl-ewwel ġurnata tax-xahar ta' esportazzjoni, mhix aktar minn EUR 60;

(b) fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 34, 38, 42, 43 u 44(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87.

Għall-finijiet tal-punt (a) tat-tieni paragrafu, fejn hemm imdaħħla diversi kodiċi separati fin-nomenklatura dwar rifużjonijiet, kif stabbilit permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3846/87 ([2]), jew in-Nomenklatura Magħduda kif imdaħħla f'dikjarazzjoni ta' esportazzjoni, il-partikolaritajiet li jirreferu għal kull kodiċi għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu dikjarazzjoni separata.

*Artikolu 3*

L-ebda rifużjoni m'għandha tingħata dwar esportazzjonijiet ta' ġobon fejn il-prezz li jkun *free-at-frontier* qabel l-applikazzjoni għar-rifużjoni fl-Istat Membru ta' esportazzjoni jkun anqas minn EUR 230 kull 100 kilogrammi.

Iżda, l-ewwel paragrafu ma japplikax għal ġobon kopert bil-kodiċi 0406 90 33 9919 għan-nomenklatura dwar rifużjonijiet.

*Artikolu 4*

1. L-erba' kategoriji ta' prodotti għall-finijiet tal-Ftehim dwar l-Agrikultura għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness I ta' hawnhekk.

2. It-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13a tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 ma japplikax għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament.

3. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 5(3) ta' dan ir-Regolament, il-gruppi ta' prodotti skond it-tifsira ta' punt (b) ta' l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 2a(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87 għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness II.

*Artikolu 5*

1. It-Taqsima 16 ta' l-applikazzjonijiet għal liċenzja u liċenzji għandha turi l-kodiċi tal-prodott bi 12-il ċifra tan-nomenklatura għal rifużjonijiet. Liċenzji għandhom ikunu validi għal dak il-prodott biss minbarra fil-każijiet speċifikati fil-paragrafi 2 u 3.

2. Għal prodotti koperti bil-kodiċi NM 0401, 0402, 0403, 0404, 0405 u 2309, dawk li jkollhom liċenzja jistgħu, fuq talba, jiksbu bidla fil-kodiċi fl-Artikolu 16 tal-liċenzja ta' esportazzjoni għal kodiċi oħra fl-istess kategorija, kif imsemmi fl-Anness I, fejn ir-rifużjoni tkun l-istess. Dawk it-talbiet għandhom isiru qabel it-tkomplija tal-formalitajiet imsemmija fl-Artikolu 3 jew 25 tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87.

([1]) ĠU L 321, tal-21.11.1997, p. 19.

([2]) ĠU L 366, ta'l-24.12.1987, p. 1.

3. Bħala deroga minn punt (b) ta' l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 2a(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87, liċenzji ta' esportazzjoni b'iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni għandhom ikunu validi wkoll għal esportazzjoni ta' prodott b'kodiċi bi 12-il ċifra minbarra dak imdaħħal fit-Taqsima 16 tal-liċenzja jekk iż-żewġ prodotti huma fuq l-istess livell f'wieħed mill-gruppi stabbiliti fl-Anness II jew it-tnejn ikunu fi grupp 23.

4. F'każijiet kif imsemmija fil-paragrafu 3, rifużjonijiet għandhom jiġu kkalkulati skond it-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 2a(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87.

*Artikolu 6*

Liċenzji ta' esportazzjoni għandhom ikunu validi mid-data tal-ħruġ, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, sa:

(a) l-aħħar tas-sitt xahar wara l-ħruġ fil-każ ta' prodotti li jinsabu fil-kodiċi NM 0402 10;

(b) l-aħħar tar-raba' xahar wara l-ħruġ fil-każ ta' prodotti li jinsabu fil-kodiċi NM 0405;

(ċ) l-aħħar tat-tieni xahar wara l-ħruġ fil-każ ta' prodotti li jinsabu fil-kodiċi NM 0406;

(d) l-aħħar tar-raba' xahar wara l-ħruġ għall-prodotti l-oħra msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68;

(e) id-data li sa fiha l-obbligazzjonijiet li joħorġu minn sejħiet għal offerti skond l-Artikolu 8(1) għandhom ikunu osservati u sa mhux aktar tard mill-aħħar tat-tmien xahar wara l-ħruġ tal-liċenzja sħiħa msemmija fl-Artikolu 8(3).

*Artikolu 7*

Bħala deroga mill-Artikoli 27(5) u 28(5) tar-Regolament (KEE) Nru No 3665/87, il-perijodu li matulu l-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68 jistgħu jibqgħu koperti mill-arranġamenti li jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 565/80 ([1]) għandu jkun ugwali għall-bqija tal-perjodu tal-validità tal-liċenzja ta' esportazzjoni.

*Artikolu 8*

1. Fil-każ ta' sejħa għal offerti maħruġa minn korp pubbliku f'pajjiż mhux membru kif imsemmi fl-Artikolu 44(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, minbarra sejħiet għal offerti dwar prodotti li jinsabu fil-kodiċi NM 0406, kummerċjanti jistgħu japplikaw għal liċenzja ta' esportazzjoni proviżorja għall-ammont kopert mill-offerta tagħhom sakemm issir garanzija. Il-garanzija għal liċenzji proviżorji għandha tkun ugwali għal 75 % tar-rata stabbilita skond l-Artikolu 9.

Kummerċjanti għandhom jagħtu prova li l-korp hu pubbliku jew suġġett għal-liġi pubblika.

2. Liċenzji proviżorji għandhom jinħarġu fil-ħames jum tax-xogħol wara dak li fih issir l-applikazzjoni, sakemm il-miżuri speċjali msemmija fl-Artikolu 10(3) ma jkunux ġew adottati fil-frattemp.

3. Bħala deroga mill-Artikolu 44(5) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, il-perijodu sabiex tingħata l-informazzjoni msemmija f'dak il-paragrafu għandu jkun ta' 60 jum. Qabel it-tmiem ta' dak il-perijodu, kummerċjanti għandhom japplikaw għal liċenzja ta' esportazzjoni sħiħa, li għandha tinħareġ wara li tingħata prova li dawn ikunu rebħu kuntratt.

Mal-preżentazzjoni tal-provi li l-offerta ma tkunx ġiet milqugħa jew li l-ammont mogħti mill-kuntratt ikun anqas minn kif indikat fil-liċenzja proviżorja, il-garanzija kollha jew parti minnha għandha tiġi rrilaxxata kif xieraq.

4. Applikazzjonijiet għal liċenzja msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandhom isiru skond l-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88.

5. Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitlu, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 10, għandhom japplikaw għal liċenzji sħaħ.

*Artikolu 9*

Il-garanzija msemmija fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 għandha tkun daqs il-perċentwali tar-rifużjoni stabbilta għal kull kodiċi ta' prodott applikabbli fil-jum li fih issir l-applikazzjoni għal-liċenzja ta' esportazzjoni, kif ġej:

(a) 5 % għal prodotti koperti bil-kodiċi NM 0405;

(b) 15 % għal prodotti koperti bil-kodiċi NM 0402 10;

(ċ) 30 % għal prodotti koperti bil-kodiċi NM 0406;

(d) 20 % għal prodotti oħra.

L-ammont tar-rifużjoni msemmi fl-ewwel paragrafu għandu jkun dak ikkalkulat għall-ammont totali tal-prodott partikolari minbarra prodotti tal-ħalib li fihom zokkor miżjud.

Għal prodotti tal-ħalib li fihom zokkor miżjud, l-ammont tar-rifużjoni msemmi fl-ewwel paragrafu għandu jkun daqs l-ammont totali tal-prodott kollu partikolari, immultiplikat bir-rata tar-rifużjoni applikabbli kull kilogramma ta' prodott tal-ħalib.

([1]) ĠU L 62, tas-7.3.1980, p. 5.

*Artikolu 10*

1. Liċenzji ta' esportazzjoni għandhom ikunu maħruġa fil-ħames jum tax-xogħol wara l-jum li fih isiru applikazzjonijiet, sakemm l-ammonti li għalihom isiru applikazzjonijiet għal liċenzji jkunu ġew ikkomunikati skond l-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 210/69 [1] u l-miżuri speċjali msemmija fil-paragrafu 3 ma jkunux ġew adottati fil-frattemp.

2. Tista' tittieħed deċiżjoni biex jiġu adottati wieħed jew aktar mill-miżuri speċjali li jinsabu fil-paragrafu 3 fejn:

(a) il-ħruġ tal-liċenzji li għalihom tkun saret applikazzjoni jidher li x'aktarx jirriżulta f'eċċess tar-riżorsi ta' l-estimi disponibbli jew fl-eżawriment ta' l-ammonti massimi li jistgħu jiġu esportati b'rifużjoni matul il-perjodu ta' 12-il xahar parikolari jew f'perjodu iqsar li jiġi stabbilit bis-saħħa ta' l-Artikolu 11;

jew

(b) il-ħruġ tal-liċenzji li għalihom issir applikazzjoni ma jippermettix il-kontinwità ta' esportazzjonijiet li jkunu garantiti matul il-bqija tal-perijodu partikolari.

Għall-finijiet ta' l-ewwel sub-paragrafu, għandu jitqies, għar-rigward tal-prodott partikolari, ta':

(a) in-natura staġjonali tal-kummerċ, is-sitwazzjoni tas-suq u b'mod partikolari x-xejra fil-prezzijiet fis-suq u l-kundizzjonijiet ta' esportazzjoni li jirriżultaw minn dawn;

(b) il-ħtieġa li ma titħalliex li l-ispekulazzjoni tgħarraq il-kompetizzjoni bejn kummerċjanti.

3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, għall-prodott jew prodotti partikolari:

(a) li tissospendi l-ħruġ ta' liċenzji għal massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol;

(b) li tapplika koeffiċjenti ta' allokazzjoni għall-ammonti mitluba. Meta koeffiċjenti ta' anqas minn 0,4 hi applikata għall-ammonti mitluba, applikanti jistgħu, fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni li tistabbilixxi l-koeffiċjenti, jitolbu t-tħassir ta' l-applikazzjoni tagħhom għal liċenzja u l-irtirar tal-garanzija li jkunu għamlu.

Barra minn dan, skond il-proċedura li tinsab fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi:

(a) li tissospendi l-ħruġ ta' liċenzji għall-prodott jew prodotti partikolari, mingħajr preġudizzju għall-ewwel inċiż ta' (a), għal perijodu li jeċċedi ħamest ijiem tax-xogħol;

(b) fl-aħħar tal-perijodu ta' sospensjoni, li tistabbilixxi rifużjonijiet permezz ta' sejħa għal offerti għal prodotti koperti bil-kodiċi NM 0402 10 19, 0405 10 90, 0405 90 10, 0405 90 90 u 0405 10 19. Il-liċenzji rilevanti għandhom imbagħad jinħarġu.

4. Applikazzjonijiet għal liċenzja mogħtija matul il-perijodu ta' sospensjoni m'għandhomx jiġu aċċettati.

*Artikolu 11*

Meta l-ammont totali kopert mill-applikazzjonijiet li jkunu saru għal liċenzja ikun tali li jkun hemm riskju ta' eżawriment bikri ta' l-ammonti massimi li jistgħu jiġu esportati permezz ta' rifużjoni matul il-perijodu tat-12-il xahar partikolari, l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, skond il-proċedura li tinsab fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68, li talloka dawk l-ammonti massimi fuq perjodi li għandhom jiġu stabbiliti.

*Artikolu 12*

1. Meta l-ammont esportat jeċċedi dak muri fil-liċenzja, l-ebda rifużjoni m'għandha titħallas fuq dak li jifdal żejjed.

Għal dak l-għan, l-Artikolu 22 ta' liċenzji għandu jkollu l-kliem: "Pagament tar-rifużjoni ristrett għall-ammont muri fl-Artikoli 17 u 18".

2. Bħala deroga mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 8(5) u 33(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 dwar tolleranzi għal ammonti esportati, għandhom japplikaw ir-rati li ġejjin:

(a) ir-rata li tinsab fl-Artikolu 8(5) għandha tkun ta' 2 %;

(b) ir-rata li tinsab fl-Artikolu 33(2), l-ewwel u t-tieni sub-paragrafi, għandha tkun ta' 98 %;

(ċ) ir-rata li tinsab fl-Artikolu 33(2), it-tielet sub-paragrafu, għandha tkun ta' 2 %.

L-Artikolu 44(9)(ċ) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 m'għandux japplika.

*Artikolu 13*

1. L-Artikolu 10 ma japplikax għall-ħruġ ta' liċenzji ta' esportazzjoni għal fornimenti ta' għajnuna dwar l-ikel skond l-Artikolu 10(4) tal-Ftehim dwar l-Agrikultura.

2. Ir-rata ta' rifużjoni applikabbli għal fornimenti ta' għajnuna dwar ikel għandha tkun dik applikabbli fil-jum li l-Istat Membru jagħmel is-sejħa għal offerti għall-fornimenti ta' għajnuna dwar ikel.

*Artikolu 14*

Il-pajjiż destinatarju msemmi fl-Artikolu 1(2) għandu jkun destinazzjoni li hi tassattiva għall-finijiet ta' l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87 għal liċenzji maħruġa bis-saħħa ta' l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 28, tal-5.2.1969, p. 1.

*Artikolu 15*

1. Għal liċenzji maħruġa għal prodotti koperti bil-kodiċi NM *code* 0406, il-kliem li ġej għandu jidħol fl-Artikolu 20 ta' l-applikazzjonijiet u l-liċenzji:

"Liċenzja valida għal żona... kif imfisser fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament (KE) Nru 174/1999".

Iż-żona indikata għandha tkun iż-żona, kif imfissra fil-paragrafu 3, li għaliha jappartjeni l-pajjiż destinatarju indikat fl-Artikolu 7 ta' l-applikazzjonijiet għal liċenzja.

2. Iż-żona kif imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun destinazzjoni tassattiva għall-finijiet ta' l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87.

L-ebda rifużjoni m'għandha titħallas fejn id-destinazzjoni attwali tkun żona minbarra dik indikata fl-applikazzjoni għal liċenzja u fil-liċenzja.

3. Iż-żoni li ġejjin huma mfissra għall-finijiet tal-paragrafu 1:

(a) Żona I: kodiċi tad-destinazzjoni 053 sa 096 (inklusivi);

(b) Żona II: kodiċi tad-destinazzjoni 400;

(ċ) Żona III: il-kodiċi tad-destinazzjoni l-oħrajn kollha.

*Artikolu 16*

1. Għal prodotti tal-ħalib li jkollhom zokkor miżjud, ir-rifużjoni għandha tkun daqs it-total tal- komponenti li ġejjin:

(a) komponent li jirrappreżenta l-ammont ta' prodott tal-ħalib;

(b) komponent li jirrappreżenta l-ammont ta' sukrożi miżjuda, sa massimu ta' 43 % tal-piż tal-prodott sħiħ.

Iżda, l-komponent imsemmi f'(b) japplika biss jekk is-sukrożi miżjud tkun magħmulha mill-pitravi jew kannamieli mkabbrin fil-Komunità.

2. Il-komponent imsemmi fil-paragrafu 1(a) għandu jkun ikkalkulat billi jiġi mmultiplikat l-ammont bażiku tar-rifużjoni mal-kontenut tal-prodott tal-ħalib tal-prodott sħiħ.

L-ammont bażiku msemmi fl-ewwel sub-paragrafu għandu jkun ir-rifużjoni ta' kilogramma ta' prodott tal-ħalib li jinsab fil-prodott sħiħ.

3. Il-komponent imsemmi fil-paragrafu 1(b) għandu jkun ikkalkulat billi jiġi mmultiplikat il-kontentut ta' sukrożi tal-prodott sħiħ, sa massimu ta' 43 %, ma' l-ammont bażiku tar-rifużjoni applikabbli fil-jum li ssir l-applikazzjoni għal liċenzja għal prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1785/81 [1].

Iżda, l-komponent ta' sukrożi m'għandhux jitqies meta l-ammont bażiku tar-rifużjoni għall-kontenut ta' prodott tal-ħalib imsemmi fit-tieni sub-paragrafu ta' paragrafu 2 ikun żero.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(b), sukrożi għandha tkun trattata bħala sukrożi manifatturata minn pitravi jew kannamieli imkabbrin fil-Komunità jekk dan ikun ġie:

(a) impurtat ġewwa l-Komunità taħt il-Protokoll 8 dwar zokkor anness mal-Konvenzjoni ACP-KEE Lomé [2], jew il-Ftehim dwar kannamieli bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Indja [3];

(b) miksub minn prodotti impurtati taħt id-dispożizzjonijiet imsemmija f'(a).

*Artikolu 17*

1. Applikazzjonijiet għal liċenzja ta' esportazzjoni għal ħalib u prodotti tal-ħalib esportati bħala prodotti koperti bil-kodiċi NM 0406 30 skond it-tielet inċiż ta' l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87 għandhom ikollhom magħhom l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti biex jużaw l-arranġamenti doganali partikolari.

2. It-Taqsima 20 ta' l-applikazzjonijiet għal liċenzja u liċenzji għandha tinkludi referenza għal dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa taħt l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 biex jidentifikaw u jivverifikaw il-kwalità u l-ammont ta' prodotti msemmija f'dak il-paragrafu li dwarhom tkun ġiet applikata rifużjoni u biex japplikaw id-disposizzjonijiet dwar l-intitolament għar-rifużjoni.

## KAPITOLU II

## Arranġamenti speċifiċi

*Artikolu 18*

1. Liċenzja ta' esportazzjoni tkun meħtieġa għall-esportazzjonijiet kollha ta' ġobon lejn il-Kanada skond il-kwota msemmija fil-Ftehim konkluż bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada.

2. Applikazzjonijiet għal liċenzja u liċenzji għandhom juru:

(a) Fit-taqsima 7, il-kliem "KANADA - 404";

(b) Fit-Taqsima 15, id-deskrizzjoni b'sitt ċifri ta' l-oġġetti skond in-Nomenklatura Magħduda għal prodotti koperti bil-kodiċi NM 0406 10, 0406 20, 0406 30 u 0406 40 u d-deskrizzjoni bi tmien ċifri għal prodotti koperti bil-kodiċi NM 0406 90. It-Taqsima 15 ta' applikazzjonijiet u liċenzji tista' jkollha mhux aktar minn sitt prodotti hekk deskritti;

[1] ĠU L 177, ta'l-1.7.1981, p. 4.
[2] ĠU L 229, tas-17.8.1991, p. 3.
[3] ĠU L 190, tat-23.7.1975, p. 36.

(ċ) Fit-Taqsima 16, il-kodiċi NM bi tmien ċifri u l-ammont f'kilogrammi għal kull wieħed mill-prodotti msemmija fl-Artikolu15. Il-liċenzja tkun valida biss għall-prodotti u ammonti hekk stabbiliti;

(d) fit-Taqsimiet 17 u 18, l-ammont totali ta' prodotti msemmija fit-Taqsima 16;

(e) fit-Taqsima 20, il-kliem li ġej:

"Ġobon għal esportazzjoni diretta lejn il-Kanada. L-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 174/1999. Kwota għal.... (sena)"

jew, skond il-każ,

"Ġobon għal esportazzjoni diretta/via *New York* lejn il-Kanada. L-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 174/1999. Kwota għal... (sena)".

Meta ġobon ikun ittrasportat lejn il-Kanada permezz ta' terzi pajjiżi Ewropej, dawk il-pajjiżi għandhom ikunu indikati minflok, jew flimkien ma', referenza għal *New York*;

(f) fit-Taqsima 22, il-kliem "mingħajr rifużjoni ta' esportazzjoni'".

3. Applikazzjonijiet għal liċenzja jkunu ammissibbli biss meta applikanti:

(a) jiddikjaraw bil-miktub li l-materjal kollu li jinsab fil-Kapitlu 4 tan-Nomenklatura Magħduda u użat fil-manifattura ta' prodotti inklużi fl-applikazzjoni tagħhom ikunu ġew prodotti kollha ġewwa l-Komunità;

(b) jiggarantixxu bil-miktub li jipprovdu, fuq talba ta' l-awtoritajiet kompetenti, kull ġustifikazzjoni oħra li dawn ta' l-aħħar jikkunsidraw meħtieġa għall-ħruġ ta' liċenzji u li jaċċettaw, meta jkun il-każ, kull sorveljar minn dawk l-awtoritajiet dwar il-kontabbiltà u kondizzjonijiet ta' manifattura tal-prodotti partikolari.

4. Liċenzji għandhom ikunu maħruġa minnufih wara li jkunu saru l-applikazzjonijiet. Fuq talba ta' l-applikanti, għandha tinħareġ kopja ċertifikata tal-liċenzja.

5. Liċenzji jkunu validi mid-data tal-ħruġ tagħhom skond it-tifsira ta' l-Artikolu 21(1) ta' Regolament (KEE) Nru 3719/88 sal-31 ta' Diċembru wara dik id-data.

Intant, liċenzji jistgħu jinħarġu mill-20 ta' Diċembru u jkunu validi mill-l ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara sakemm il-kliem "kwota għal... (sena)" fl-Artikolu 20 ta' l-applikazzjonijiet għal liċenzja jirreferu għas-sena ta' wara.

6. Dawk li jkollhom liċenzji ta' esportazzjoni għandhom jassiguraw li l-liċenzja jew kopja tagħha ċertifikata:

(a) tkun ippreżentata lill-awtorità kompetenti Kanadiża fil-jum li fih isiru l-formalitajiet doganali dwar importazzjoni;

(b) tiġi rritornata, timbrata mill-awtorità kompetenti Kanadiża, lill-entità li tkun ħarġitha fi żmien xahrejn mid-data msemmija f'(a).

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jassiguraw li punt (b) ta' l-ewwel sub-paragrafu jkun imħares.

7. Bħala deroga mill-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, il-liċenzji ma jkunux trasferibbli.

8. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru għandha tirrapporta lill-Kummissjoni, skond l-Anness IV, qabel it-tmiem ta' Jannar għall-perijodu ta' sitt xhur ta' qabel u qabel l-aħħar ta' Lulju għas-sena ta' kwota preċedenti, in-numru ta' liċenzji maħruġa u l-ammont ta' ġobon partikolari, flimkien man-numru ta' liċenzji ttimbrati mill-awtoritajiet Kanadiżi u mogħtija mid-dikjarant u l-ammont partikolari.

9. Kapitolu I ma japplikax.

*Artikolu 19*

1. Liċenzja ta' esportazzjoni lejn l-Isvizzera hi meħtieġa għal esportazzjonijiet ta' ġobon elenkati fl-Anness III, li jkunu eliġibbli għal eżenzjoni minn jew tnaqqis fid-dazji doganali dwar importazzjoni f'dak il-pajjiż.

2. It-Taqsima 20 ta' l-applikazzjonijiet għal liċenzja u liċenzji għandha tinkludi l-kliem "L-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 174/1999".

Liċenzji maħruġa taħt dan l-Artikolu huma validi biss għall-esportazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. Applikazzjonijiet għal liċenzja jkunu ammissibbli biss meta applikanti:

(a) jiddikjaraw bil-miktub li l-materjal kollu kopert fil-Kapitolu 4 tan-Nomenklatura Magħduda u użat fil-manifattura ta' prodotti koperti bl-applikazzjoni tagħhom ikun ġie prodott kollu kemm hu ġewwa l-Komunità;

(b) jiggarantixxu bil-miktub li jipprovdu, fuq talba ta' l-awtoritajiet kompetenti, kull ġustifikazzjoni oħra li dawn ta' l-aħħar jikkunsidraw meħtieġa għall-ħruġ ta' liċenzji u li jaċċettaw, meta jkun il-każ, kull sorveljar minn dawk l-awtoritajiet tal-kontabbiltà u kondizzjonijiet ta' manifattura tal-prodotti partikolari.

4. Kapitlu I japplika għal esportazzjonijiet koperti b'applikazzjonijiet għal rifużjonijiet.

5. Fil-każ ta' esportazzjonijiet li ma jkunux koperti b'applikazzjonijiet għal rifużjoni, it-Taqsima 22 ta' l-applikazzjonijiet għal liċenzja u liċenzji għandha tinkludi l-kliem "Mingħajr rifużjoni ta' esportazzjoni".

Liċenzji għandhom jinħarġu kemm jista' jkun malajr wara li jkunu saru applikazzjonijiet.

Liċenzji jkunu validi mid-data tal-ħruġ tagħhom skond it-tifsira ta' l-Artikolu 21(1) ta' Regolament (KEE) Nru 3719/88 sat-30 ta' Ġunju ta' wara.

6. Bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 5(1), id-disposizzjonijiet ta' Kapitlu I ma japplikawx għall-esportazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5.

Għal ġobon mhux inkluż fin-nomenklatura dwar rifużjoni, iżda l-kodiċi bi tmien ċifri tan-Nomenklatura Magħduda għandhom jiddaħħlu fl-Artikolu 16 ta' applikazzjonijet għal liċenzja u liċenzji.

7. Kopji ċertifikati ta' liċenzji għandhom jinħarġu lill-applikanti wara talba.

*Artikolu 20*

1. Skond il-proċedura li tinsab fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li liċenzji ta' esportazzjoni għal prodotti koperti bil-kodiċi NM 0406 dwar esportazzjoni lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika bħala parti mill-kwota addizzjonali taħt il-Ftehim dwar l-Agrikultura u l-kwoti ta' tariffi li oriġinalment irriżultaw mit-*Tokyo Round* u mogħtija lill-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja mill-Istati Uniti fl-*Uruguay Round* lista XX għandhom jinħarġu skond il-paragrafi 2 sa 11.

2. Kummerċjanti jistgħu japplikaw, f'perijodu li jiġi stabbilit, għal liċenzja ta' esportazzjoni proviżorja għall-esportazzjoni tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 matul is-sena kalendarja ta' wara, sakemm issir garanzija ugwali għal 50 % tar-rata stabbilita skond l-Artikolu 9.

Kummerċjanti għandhom fl-istess ħin jindikaw:

(a) id-deskrizzjoni tal-grupp ta' prodott kopert mill-kwota ta' l-Istati Uniti skond in-Noti Addizzjonali 16 sa 23 u 25 fil-Kapitlu 4 ta' l-Iskeda ta' Tariffi Armonizzati ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika (il-verżjoni l-aktar riċenti);

(b) l-isem tal-prodotti skond l-Iskeda ta' Tariffi Armonizzati ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika (il-verżjoni l-aktar riċenti);

(ċ) l-ammont ta' prodotti li dwarhom liċenzji proviżorji jkunu mfittxija għal li jkunu esportaw lejn l-Istati Uniti matul it-tliet snin kalendarji preċedenti. Għal dan l-għan, il-kummerċjant li ismu jidher fuq id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni rilevanti għandu jitqies bħala l-esportatur;

(d) l-isem u l-indirizz ta' l-importatur ġewwa l-Istati Uniti nnominat mill-applikant;

(e) jekk l-importatur hux sussidjarju ta' l-applikant.

B'żieda ma' dan, applikazzjonijiet għandhom ikollhom ċertifikat mill-importatur magħżul li jiċċertifika li hu jkun eliġibbli taħt ir-regoli fis-seħħ fl-Istati Uniti dwar il-ħruġ ta' liċenzji ta' importazzjoni għall-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 bħala parti mill-kwota.

3. Meta applikazzjonijiet għal liċenzji proviżorji jkunu sottomessi għar-rigward ta' ammont ta' prodotti b'eċċess ta' wieħed mill-kwoti msemmija fil-paragrafu 1 għas-sena partikolari, l-Kummissjoni tista':

(a) talloka liċenzji proviżorji meta tikkunsidra l-ammont ta' l-istess prodotti esportati għall-Istati Uniti fil-passat mill-applikant;

u/jew

(b) talloka liċenzji proviżorji bi preferenza għal applikanti li l-importaturi magħżula tagħhom ikunu sussidjarji;

u/jew

(ċ) tapplika koeffiċjenti mnaqqsa għall-ammonti li dwarhom tkun saret applikazzjoni.

4. Meta l-applikazzjoni ta' koeffiċjenti mnaqqsa tfisser l-allokazzjoni ta' liċenzji proviżorji għal ammonti ta' anqas minn 5 tunnellati, il-Kummissjoni tista' talloka liċenzji billi ttellagħhom bix-xorti.

5. Meta jsiru applikazzjonijiet għal liċenzji proviżorji għal ammonti ta' prodott li ma jeċċedix il-kwoti msemmija fil-paragrafu 1 għas-sena partikolari, il-Kummissjoni tista' talloka l-ammonti li jifdal lil applikanti bi proporzjon għall-ammonti li għalihom ikunu applikaw.

6. It-Taqsima 20 ta' liċenzji proviżorji kif imsemmija fl-ewwel sub-paragrafu tal-paragrafu 2 għandha tinkludi dan li ġej:

"Liċenzja ta' esportazzjoni proviżorja msemmija fl-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (KE) Nru 174/1999: mhux validu għal esportazzjonijiet".

7. L-ismijiet ta' importaturi magħżula minn kummerċjanti li jinħarġulhom liċenzji proviżorji għandhom jingħataw lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Uniti.

8. Fil-każ fejn liċenzja ta' importazzjoni għall-ammonti partikolari ma tiġix allokata lill-importatur innominat minn operatur, f'ċirkostanzi li ma jħallux dubju dwar is-sinċerità dwar l-attestazzjoni msemmija fit-tielet sub-paragrafu tal-paragrafu 2, il-kummerċjant jista' jiġi awtorizzat mill-Istat Membru biex jinnomina imporatur ieħor sakemm dan ta' l-aħħar jidher fil-lista kkomunikata lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, skond il-paragrafu 7. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr bil-bidla ta' l-importatur innominat u l-Kummissjoni għandha tavża bil-bidla lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Uniti.

9. Għandhom jiġu rrilaxxati garanziji sħaħ jew f'parti fil-każ ta applikazzjonijiet li ma jiġux aċċettati jew għal kwantitajiet li jaqbżu l-limitu ta allokazzjoni.

10. Qabel it-tmiem tas-sena li dwarha liċenzji proviżorji jkunu nħarġu, il-kummerċjant għandu japplika għal liċenzja sħiħa, anki fejn hemm involuta parti minn kwantitajiet, u li għandha tinħareġ minnufih. Il-kliem li ġej għandu jidħol fl-Artikolu 20 ta' l-applikazzjoni għal-liċenzja sħiħa u fil-liċenzja nfisha:

"Għal esportazzjoni lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika: L-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 174/1999".

Il-liċenzji sħaħ maħruġa għandhom ikunu validi għal esportazzjonijiet kif imsemmija fil-paragrafu 1 għas-sena partikolari.

11. Bl-eċċezzjoni ta' l-Artikoli 4 u 10, id-disposizzjonijiet ta Kapitlu I japplikaw għal liċenzji sħaħ.

## KAPITOLU III

## Dispożizzjonijiet ta' l-aħħar

*Artikolu 21*

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 3665/87 u (KEE) Nru 3719/88 għandhom japplikaw ħlief kif ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 22*

Ir-Regolament (KE) Nru 1466/95 qiegħed b'dan jiġi mħassar.

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Ir-Regolament (KE) Nru 1466/95 għandu jibqa' japplika għal liċenzji maħruġa dwar applikazzjonijiet magħmula qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament preżenti.

*Artikolu 23*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Frar 1999.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Jannar 1999.

*Għall-Kummissjoni*
Franz FISCHLER
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**Kategoriji tal- prodott preskritti fl Artikolu 4(1)**

| Numru | Deskrizzjoni | Kodiċi NM |
|---|---|---|
| I | Butir, xaħmijiet u żjut oħra miksuba mill-ħalib u *spreads* | 0405 10<br>0405 20 90<br>0405 90 |
| II | Trab tal-ħalib xkumat | 0402 10 |
| III | Ġobon u baqta | 0406 |
| IV | Prodotti oħrajn tal-ħalib | 0401<br>0402 21<br>0402 29<br>0402 91<br>0402 99<br>0403 10 11 to 0403 10 39<br>0403 90 11 to 0403 90 69<br>0404 90<br>2309 10 15<br>2309 10 19<br>2309 10 39<br>2309 10 59<br>2309 10 70<br>2309 90 35<br>2309 90 39<br>2309 90 49<br>2309 90 59<br>2309 90 70 |

*ANNESS II*

**Gruppi ta' prodotti stabbiliti fl-Artikolu 4(3)**

| Grupp Nru | Kodiċi tal-prodott tal-halib (nomenklatura għar-rifużjonijiet għall-esportazzjoni) |
|---|---|
| 1 | 0401 10 10 9000<br>0401 20 11 9100<br>0401 20 11 9500<br>0401 20 91 9100<br>0401 20 91 9500<br>0401 30 11 9100<br>0401 30 11 9400<br>0401 30 11 9700<br>0401 30 31 9100<br>0401 30 31 9400<br>0401 30 31 9700<br>0401 30 91 9100<br>0401 30 91 9400<br>0401 30 91 9700 |
| 2 | 0401 10 90 9000<br>0401 20 19 9100<br>0401 20 19 9500<br>0401 20 99 9100<br>0401 20 99 9500<br>0401 30 19 9100<br>0401 30 19 9400<br>0401 30 19 9700<br>0401 30 39 9100<br>0401 30 39 9400<br>0401 30 39 9700<br>0401 30 99 9100<br>0401 30 99 9400<br>0401 30 99 9700 |
| 3 | 0402 21 11 9200<br>0402 21 11 9300<br>0402 21 11 9500<br>0402 21 11 9900<br>0402 21 91 9100<br>0402 21 91 9200<br>0402 21 91 9300<br>0402 21 91 9400<br>0402 21 91 9500<br>0402 21 91 9600<br>0402 21 91 9700<br>0402 21 91 9900 |
| 4 | 0402 21 17 9000<br>0402 21 19 9300<br>0402 21 19 9500<br>0402 21 19 9900<br>0402 21 99 9100<br>0402 21 99 9200<br>0402 21 99 9300<br>0402 21 99 9400<br>0402 21 99 9500<br>0402 21 99 9600<br>0402 21 99 9700<br>0402 21 99 9900 |
| 5 | 0402 29 15 9200<br>0402 29 15 9300<br>0402 29 15 9500<br>0402 29 15 9900<br>0402 29 91 9100<br>0402 29 91 9500 |
| 6 | 0402 29 19 9200<br>0402 29 19 9300<br>0402 29 19 9500<br>0402 29 19 9900<br>0402 29 99 9100<br>0402 29 99 9500 |
| 7 | 0402 91 11 9110<br>0402 91 11 9120<br>0402 91 31 9100<br>0402 91 51 9000<br>0402 91 91 9000 |
| 8 | 0402 91 11 9310<br>0402 91 11 9350<br>0402 91 11 9370<br>0402 91 31 9300<br>0402 91 51 9000<br>0402 91 91 9000 |
| 9 | 0402 91 19 9110<br>0402 91 19 9120<br>0402 91 39 9100<br>0402 91 59 9000<br>0402 91 99 9000 |
| 10 | 0402 91 19 9310<br>0402 91 19 9350<br>0402 91 19 9370<br>0402 91 39 9300<br>0402 91 59 9000<br>0402 91 99 9000 |
| 11 | 0402 99 11 9110<br>0402 99 11 9130<br>0402 99 11 9150<br>0402 99 31 9110<br>0402 99 31 9300<br>0402 99 31 9500<br>0402 99 91 9000 |
| 12 | 0402 99 11 9310<br>0402 99 11 9330<br>0402 99 11 9350<br>0402 99 31 9150<br>0402 99 31 9300<br>0402 99 31 9500<br>0402 99 91 9000 |

| Grupp Nru | Kodiċi tal-prodott tal-halib (nomenklatura ghar-rifużjonijiet ghall-esportazzjoni) |
|---|---|
| 13 | 0402 99 19 9110<br>0402 99 19 9130<br>0402 99 19 9150<br>0402 99 39 9110<br>0402 99 39 9300<br>0402 99 39 9500<br>0402 99 99 9000 |
| 14 | 0402 99 19 9310<br>0402 99 19 9330<br>0402 99 19 9350<br>0402 99 39 9150<br>0402 99 39 9300<br>0402 99 39 9500<br>0402 99 99 9000 |
| 15 | 0403 10 11 9400<br>0403 10 11 9800<br>0403 10 13 9800<br>0403 10 19 9800 |
| 16 | 0403 10 31 9400<br>0403 10 31 9800<br>0403 10 33 9800<br>0403 10 39 9800 |
| 17 | 0403 90 11 9000<br>0403 90 13 9200<br>0403 90 13 9300<br>0403 90 13 9500<br>0403 90 13 9900<br>0403 90 19 9000 |
| 18 | 0403 90 31 9000<br>0403 90 33 9200<br>0403 90 33 9300<br>0403 90 33 9500<br>0403 90 33 9900<br>0403 90 39 9000 |
| 19 | 0403 90 51 9100<br>0403 90 51 9300<br>0403 90 53 9000<br>0403 90 59 9110<br>0403 90 59 9140<br>0403 90 59 9170<br>0403 90 59 9310<br>0403 90 59 9340<br>0403 90 59 9370<br>0403 90 59 9510<br>0403 90 59 9540<br>0403 90 59 9570 |
| 20 | 0403 90 61 9100<br>0403 90 61 9300<br>0403 90 63 9000<br>0403 90 69 9000 |
| 21 | 0404 90 21 9100<br>0404 90 23 9120<br>0404 90 23 9130<br>0404 90 23 9140<br>0404 90 23 9150 |
| 22 | 0404 90 81 9100<br>0404 90 83 9110<br>0404 90 83 9130<br>0404 90 83 9150<br>0404 90 83 9170 |
| 23 | 0405 10 11 9500<br>0405 10 11 9700<br>0405 10 19 9500<br>0405 10 19 9700<br>0405 10 30 9100<br>0405 10 30 9300<br>0405 10 30 9500<br>0405 10 30 9700<br>0405 10 50 9100<br>0405 10 50 9300<br>0405 10 50 9500<br>0405 10 50 9700<br>0405 10 90 9000<br>0405 20 90 9500<br>0405 20 90 9700<br>0405 90 10 9000<br>0405 90 10 9000 |

*ANNESS III*

*Svizzera*

**Prodotti msemmija fl-Artikolu 19(1)**

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni<br>(Nomenklatura ta' rifużjoni ta' l-esportazzjoni) |
|---|---|
| 0406 | Ħalib u baqta: |
| ex 0406 10 20 | – – – – – Irkotta, immelħa |
| 0406 20 | – Ġobon maħkuk jew fi trab, tat-tipi kollha |
| 0406 30 | – Ġobon ta' l-ipproċessar, mhux maħkuk jew fi trab |
| 0406 40 | – Ġobon bil-vini blu |
| ex 0406 90 | – Ġobon ieħor: |
| 0406 90 23 | – – – *Edam* |
| 0406 90 25 | – – – *Tilsit* |
| 0406 90 27 | – – – *Butterkase* |
| 0406 90 61 | – – – – – – – *Grana Padano, Parmigiano Reggiano* |
| 0406 90 63 | – – – – – – – *Fiore Sardo, Pecorino* |
| 0406 90 69 | – – – – – – – Oħrajn |
| 0406 90 73 | – – – – – – – *Provolone* |
| ex 0406 90 75 | – – – – – – – Asiago, Caciocavallo, Montasio |
| 0406 90 76 | – – – – – – – Danbo, Fontal, Fontina, Fynbo, Havarti, Maribo, Samsø |
| 0406 90 78 | – – – – – – – Gouda |
| ex 0406 90 79 | – – – – – – – Esrom, Italico, Saint-Nectaire, Saint-Paulin |
| ex 0406 90 87 | – – – – – *Idiazabal, Manchego, Roncal*, manifatturat esklussivament mill-halib tan-naghag |
| ex 0406 90 | – *Elbo, Galantine, Molbo, Mimolette, Tybo* |
| ex 0406 90 | – Gobon ieħor, b'kontenut tax-xaham ta' 30 % jew izjed fil-piz f'materja niexfa u b'kontenut ta' l-ilma fil-piz fil-materja mhux grassa li teċċedi52 % imma ma taqbizx 67 % |

*ANNESS IV*

*Kanada*

**Informazzjoni dwar il-Kanada mitluba taħt l-Artikolu 18(8)**

Stat Membru: .....

Data għall-perijodu minn ..... sa .....

| Isem tal-kummerċjant/indirizz | Kodiċi NM tal-prodott (bis-saħħa ta' l-Artikolu 18(2) | LIĊENZJI MAĦRUĠA | | LIĊENZJI STAMPATI mill-awtoritajiet Kanadiżi | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Numru tal-liċenzji | Kwantità | Numru tal-liċenzji | Kwantità |
| | | tunnellati | tunnellati | tunnellati | tunnellati |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| Total | | | | | |